**Minuti tas-Seduta 14 li saret fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2008 fit-8.30 p.m.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.30 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia * | **8.30 p.m.** | **9.15 p.m.** |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 10.15p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 9.10 p.m. | 10.15 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. | 10.15 p.m. |

***Il-Kunsilliera Shirley Farrugia tablet li tiġi skużata fil-ħin waqt li ntalab is-sospensjoni ta' regolamenti biex tiġi diskussa il-każ ta' Joe Borg – Environmental Officer tal-Kunsill.**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 13 tal-21 ta' Jannar 2008

Kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu ċirkolati jiem qabel. Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki jew korrezzjonijiet. Il-Kunsilliera Dr. Shirley Farrugia talbet li rigward item 5.3 jiġi mqiegħed fuq il-mejda it-*tender* tal-*planters* fil-laqgħa li jmiss. Filwaqt li rigward item 5.5 staqsiet jekk kienx hemm bżonn ta' Handyman ieħor. Is-Sindku irrisponda li din il-kwistjoni kienet ġiet ittrattata u approvata mill-Kunsill tant li kienet hi stess li ssekondata din il-mozzjoni kif jidher sew mill-istess minuti. Is-Segretarju ġab il-file tal-Handyman il-ġdid u irrisponda għad-domandi kollha tal-Kunsilliera rigward dan is-suġġett.

## 2. Sospensjoni tar-regolamenti

Is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti u qara ir-riżoluzzjoni kif ġej:

**Riżoluzzjoni Speċjali**

*B'referenza għall-kuntratt ta' xogħol bejn il-Kunsilli Lokali, Mosta u s-Sur Joseph Borg.*

*Qiegħed inressaq din ir-riżoluzzjoni speċjali biex skond kif hemm stipulat fl-imsemmi kuntratt speċifikament Artiklu 2 – Paragrafu 2.04 nagħtu avviż ta' 90 jum biex ikun itterminat l-impjieg tas-Sur Borg.*

*Dan l-avviż jidħol fis-seħħ minn għada, it-Tlieta ,12 ta' Frar, 2008.*

*Is-Sur Borg għandu jitħallas il-flus dovuti lilu iżda m'għandhux jidħol għax-xogħol b'effett immedjat.*

Il-mozzjoni ġiet proposta mis-Sinjura Josette Agius Decelis u sekondata minn Paul Agius.

Is-segretrarju spjega illi huwa ħa pariri kemm tal-avukat kif wkoll tad-dipartiment tal-Kunsilli fuq dan il-każ u għandu konferma bil-miktub li s-Sur Borg għandu jiġi tterminat billi tiġi applikata il-klawsola ta' terminazzjoni skond Artiklu 2 paragrafu 2.04 tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ma jiġux diskussi materji oħra relattati ma' dan il-każ u nimxu skond ir-riżuluzzjoni mressqa. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie inkarigat jinforma lis-Sur Borg minnufih b'din id-deċiżjoni.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet unanimament mill-membri kollha preżenti.

Wara dan il-Kunsill kompla bix-xogħol tal-laqgħa skond l-agenda.

## 3.0 Korrispondenza

3.0.1 Is-segretarju esebixxa korrispondenza mill-ADT fejn il-Kunsill intalab jieħu ħsieb il-manutenzjoni tat-toroq fil-Mosta b'mod immedjat u fl-istess ħin intbagħtet lista tat-toroq li jaqaw taħt ir-responsabilita tal-ADT. Il-Kunsill wera d-diżappunt tiegħu li sejħiet lill-ministru responsabbli sabiex il-Gvern Ċentrali jgħin fil-kisi mill-ġid ta toroq fil-Mosta ma ġewx mismugħa. L-ittra għandha tiġi risposta f'dan is-sens u fl-istess ħin ngħarrfuhom bil-programm tat-tisWija li għaddej bħalissa bis-spiża ta' €51246.21 (Lm 22,000).

3.0.2 Ittra mill-Kumissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita tilmenta b'nuqqas ta' faċilitajiet f'diversi toroq fil-Mosta. Kopja għanda tgħaddi lill-Kunsillier Perit Christopher Grech sabiex jara x'jista jsir f'dan ir-rigward.

3.0.3 Ittra mingħand Rosario Farrugia rigward nuqqas ta' ħajt li jżomm il-ħamrija fi triq Patri Guze Delia. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitkteb lill-ADT li kienu responsabbli għat-twessieħ u kisi mill-ġdid tat-triq inkwestjoni.

3.0.4 Ittra għal talba għall-għajnuna minn Charles Vella fl-iffinanzjar ta' ktieb fuq l-istorja tal-Scouts fil-Mosta ma ġietx aċċettata billi dan ma hux eliġibbli skond il-lista fi Skeda 8. Iżda ġie deċiż li l-Kunsill jgħin billi ssir ordni ta' €232.93(Lm 100) f'kotba għad-distribuzjoni fil-Mosta meta jkun hemm bżonn, billi dan il-ktieb huwa parti mill-istorja tal-Mosta.

3.0.5 Ittra tas-Sottokumitat Riġenerazzjoni Kulturali dwar kotba ta' E.B.Vella. Is-Sur Demartino qal li dawn suppost li jinstabu fl-istore tal-Kunsill fit-tielet sular.

3.0.6 Korrispondenza sabiex jiġu organizzati klassijiet tal-Aerobics b'xejn mid-Dipartiment tas-Saħħa flimkien mal-Kunsill Malti għall Sport fis-Sala tal-Kunsill. Is-segretarju qal illi waħda mill-istaff qed tattendi għall-meetings preliminari u deċiżjoni tittieħed darb'oħra.

3.0.7 Ittra mill-librerija għall-finanzjament ta' xkafef ġodda. Il-Kunsill ikkonferma li dawn huma spejjes bżonnjużi u li soltu jiffinanzja l-Kunsill u filwaqt li japprova, irrefera lis-Segretarju Eżekuttiv lill-Kunsill tal-Librerija għad-dettalji ta' strima għall dan ix-xogħol.

**4.0 Materji Finanzjarji**

4.0.1 Is-Sindku informa li meta sar it-taħmil tal-ħamrija sabiex jibda x-xogħol tal-latrina tal-persuni bi bżonnijiet speċjali instab li hemm fond ta' madwar sular u għalhekk qed tiġi mitluba awtorizazzjoni ta' nefqa extra ta madwar Lm 2,400 (Euro 5,590.50) sabiex issir ġiebja taħt it-toilets u l-ilma jintuża għat-tisqija tal-ġnien. Is-Sur Demartino qal illi huwa naturali li għandu jsir dan la darba nstab daqstant fond. Il-Kunsill approva unanimament din l-ispiża extra.

4.0.2 Ġiet ippreżentata lista ta' pagamenti b'total ta €163,123.57 (Lm 70,028.95) li parti sostanzjali, jiġifieri €151409.27(Lm 65,000) huma pagamenti akkont fuq il-proġett ta' Mlit u li l-flus tagħhom irċevejnihom dan l-aħħar mingħand l-Awtorita' ta' Djar. Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti.

**5.0 Inawgurazzjoni ta' Uffiċini ġodda**

5.0.1 Is-Sindku ħabbar li x-xogħol fuq l-estensjoni tal-uffiċni tal-Kunsill li l-biċċa l-kbira sar min-nies tal-Kunsill stess u bis-superviżżjoni tiegħu u tas-Segretarju Eżekuttiv issa wasal biex jitlesta. Ser issir ċerimonja tal-ftuħ fit-23 ta' Frar u ser joħorġu l-inviti għall-madwar 400 ruħ. Il-Kunsilliera kollha ingħataw inviti extra li jistgħu jużawhom skond x-xewqa tagħhom . Is-

Sindku enfasizza li kif informa lill-Kunsill f'laqgħat oħra l-ispiża ser tkun minima komparat max-xogħol kbir li sar billi nstabu diversi sponsors għax-xogħlijiet u l-materjal li hu bżonnjuż għall-uffiċini moderni kif jixraq lill-Kunsill tal-Mosta. Il-membri approvaw unanimament.

**6.0 Kuntratt ta' Handyman/Messaġier**

6.0.1 Is-Sindku qal li qed jiġi mitlub li jingħata kuntratt lis-Sur Marco Briffa li kien l-uniku applikant għal din is-sejħa ta' Handyman/Messaġier. Il-Kumitat tal-Kuntratti kien intervista lis-Sur Briffa u qed jirrakomanda li dan jibda immedjatament billi kien hemm bżonnu kemm fit-tlestija tal-uffiċni kif ukoll għall-manutenzjoni ta' rutina madwar il-Mosta. Il-Kunsill approva li s-Sur Briffa jintalab jibda xogħol immedjatament. Dan is-suġġett ġie ittrattat ukoll f'din il-laqgħa taħt item 1 aktar il-fuq.

**7.0 Ftuħ ta' Ġnejna fi Triq il-Ħtajriet**

Is-Sindku qal illi bil-ħamrija li tneħħiet mill-konok ta' Triq il-Kostituzzjoni u tat-toilet fil-pjazza ġiet użata sabiex issir ġnejna madwar il-monument taż-żgħażagħ fi Triq il-Ħtajriet bi spejjes minimi. Ix-xogħol tal-ħajt u twittija sar mill-V & C bħala parti mill-kuntratt tal-*period contract.* Ġie avżat li ser issir ċerimonja tal-ftuħ fis-17 ta' frar 2008.

**8.0 Proposta ta' Ġnien ġdid**

Is-Sindku informa l-laqgħa li area ta' madwar 3 tmien art ħdejn l-iskola Lilly of the Valley li preżentament hija żdingata tinbidel *f'rock garden*. Is-Sur Demartino qal illi qabel xejn wieħed irid jivverifika jekk din l-art hix maħsuba li tiġi żviluppata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u jekk fil-passat din kienet ittieħdet minn dan id-dipartiment jekk hux possibbli li tiġi rillaxjata f'isem il-Kunsill. Għalhekk għandha tintalab l-ewwel id-devoluzzjoni ta' din l-art.

**9.0 Go Mobile Cabinets**

Is-Segretarju spjega kif huwa flimkien mas-Sindku u xi mpjegati tal-Kunsill kellhom żewġ laqgħat mal-Inġinier Fiott tal-Go fejn ġew informati li 'Go' jixtiequ li jitwaħħlu diversi cabinets f'inħawi diversi fil-Mosta u l-Bidnija skond pjanta esebita. Il-qies ta' dan il-cabinets huwa ta' daqs pjuttost kbir iżda dawn kienu meħtieġa sabiex il-'Go' ikunu jistgħu jagħtu servizz ta' Internet etc aħjar lir-residenti. Saret diskussjoni fuq dan u l-Kunsill fil-maġġoranza tiegħu ma aċettax li dawn jitwaħħlu minħabba diversi raġunijiet fosthom id-daqs, l-inkonvenjent lir-residenti fejn dawn jitwaħħlu u xi ħsejjes li jistgħu jiġġeneraw. Is-segretarju ġie mogħti struzzjonijiet biex jirrispondi fin-negattiv għal din it-talba u ġie awtorizzat ukoll li jgħarraf b'dan lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli (ASKL).

**10.0 Bye Law fuq Vandaliżmu**

Is-Sindku ippropona li issir *bye law* fejn min jinqabad jgħamel vandaliżmu fil-Mosta jiġi mġiegħel jagħmel xogħol kommunitarju. B'hekk forsi tinqata darba għall-dejjem il-mewġa ta' vandaliżmu li għaddejja speċjalment fil-weekends. Il-Kunsill qabel li jgħaddi din il-proposta lill-avukat sabiex jipprepara abbozz tal-*bye law*.

**11.0 Kummenti u Suġġerimenti**

11.0.1 Il-Viċi Sindku Josette Agius Decelis qalet li fi Vjal Indipendenza hemm ħofra kbira ħdejn il-knsija ta' San Silvestru kif ukoll oħra f'kantuniera ma Main Street.

11.0.2 Il-Kunsillier Agius qal illi ħdejn ta' Natu Supermarket (Constitution Street) hemm bżonn ta' Pellican Lights maz-Zebra Crosings għax hemm periklu li jsir xi inċident. Semma wkoll l-isprall sfrondat fil-pjazza ħdejn id-dar tal-Arċipriet faċċata tal-Ħanut tal-Pastizzi

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 p.m.

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

RIZOLUZZJONI SPECJALI

B`referenza ghall-kuntratt ta` xoghol bejn il-Kunsill Lokali, Mosta u s-Sur Joseph Borg.

Qieghed inressaq din ir-rizoluzzjoni specjali biex skond kif hemm stipulat fl-imsemmi kuntratt specifikament Artiklu 2 – Paragrafu 2.04 naghtu avviz ta' 90 jum biex ikun itterminat l-impjieg tas-Sur Borg.

Dan l-avviz jidhol fis-sehh minn ghada, it-Tlieta, 12 ta' Frar, 2008.

Is-Sur Borg ghandu jithallas il-flus dovuti lilu izda m'ghandhux jidhol ghax-xoghol b'effett immedjat.